# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-JUNIOR LYCEUM 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITA' U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| **L-EWWEL SENA** | **STORJA** | **ĦIN: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ___________________________________________ **Klassi:** _______________

**1.** **Ma' liema ċiviltà tal-qedem għandhom x'jaqsmu dawn. Wieġeb billi tittikkja (✓) fil-kolonna t-tajba. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | Żmien it-Tempji | Żmien il- Bronż | Eġizzjani | Feniċi | Griegi | Rumani | Għarab |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.1 | Il-villaġġ fil-Baħrija | | ✓ | | | | | |
| 1.2 | Il-mummja tal-Farawni Tutankamun | | | | | | | |
| 1.3 | Il-villaġġ ta' Borġ in-Nadur | | | | | | | |
| 1.4 | Il-ġlied bejn il-gladjaturi | | | | | | | |
| 1.5 | Il-belt ta' Mekka | | | | | | | |
| 1.6 | Il-*Valley of the Kings* | | | | | | | |
| 1.7 | Xwieni mis-siġar taċ-ċedru | | | | | | | |
| 1.8 | Is-Siġra tal-Ħajja | | | | | | | |
| 1.9 | Il-Villa f'San Pawl Milqi | | | | | | | |
| 1.10 | Sokrate | | | | | | | |
| 1.11 | L-Imnajdra | | | | | | | |

**(10 x 1 = 10 marki)**

**2.** **Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġesù Kristu | | Ġeneral Ruman li nqatel mis-Senaturi |
| 2 | Aristotli | | sultan tal-Griegi li rebaħ il-Persja |
| 3 | San Luqa | | wieħed mill-allat tar-Rumani |
| 4 | Alessandru l-Kbir | | Ġeneral Kartaġiniż fit-Tieni Gwerra Punika |
| 5 | Ġupiter | | mexxej tal-Lhud |
| 6 | Mosé | | kiteb il-ġrajja tal-miġja ta' San Pawl f'Malta |
| 7 | Annibale Barka | | iddefenda lill-Maltin kontra Kajju Verres |
| 8 | Ġulju Ċesri | **1** | waqqaf il-Kristjaneżmu fil-Palestina |
| 9 | Ċiċerun | | filosofu tal-Griegi tal-Qedem |

**(8 x 1 = 8 marki)**

3. **Għid x'qed tara f'dawn is-sorsi u ma' liema ċiviltajiet antiki għandhom x'jaqsmu.**



3.1 ____________________
____________________



3.2 ____________________
____________________



3.3 ____________________
____________________



3.4 ____________________
____________________



3.5 ____________________
____________________




3.6 ____________________
____________________

**(6 x 2 = 12-il marka)**

4. **Ikteb sentenza biex tagħti t-tifsira ta' dawn il-kliem dwar temi li studjat fil-lezzjonijiet ta' l-Istorja.**

4.1 Katakombi ____________________

4.2 il-Ħeġira ____________________

4.3 Gladjaturi ____________________

4.4 Megalitiċi ____________________

4.5 *Murex tunculus* ____________________

4.6 Senaturi ____________________

**(6 x 2 = 12 marki)**

**5. Agħti l-isem tal-ġens jew taċ-ċiviltà tal-qedem li kellhom dawn il-bliet ewlenin:**

5.1 Kostantinopli ____________________

5.2 Tiru ____________________

5.3 Ateni ____________________

5.4 Mekka ____________________

5.5 Ġerusalemm ____________________

5.6 Kartaġni ____________________

**(6 x 1 = 6 marki)**

**6. Wieġeb dawn il-mistoqsjiet.**

6.1 Fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni hemm kamra speċjali. Kif inhi magħrufa din il-kamra u għaliex għandha dan l-isem?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

6.2 X'kienu jagħmlulu lill-Farawni l-Eġizzjani tal-Qedem meta dan kien imut?

____________________________________________________________ (2)

6.3 Semmi **ŻEWĠ** xogħlijiet li baqgħu magħrufa għalihom il-Feniċi fl-Istorja.

____________________________________________________________ (2)

6.4 Semmi **ŻEWĠ** oqsma ta' l-għerf li għamlu isem fihom il-Griegi tal-Qedem.

____________________________________________________________ (2)

6.5 X'nafu dwar il-Maltin taħt il-ħakma tar-Rumani? Semmi sa **erba'** punti.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (4)

6.6 Irrakkonta f'madwar 30 kelma l-ġrajja ta' meta Muħammed waqqaf it-twemmin fl-Islam.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (4)

**(Total: 16-il marka)**

## 7. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.



**Sors A**

**Sors A** juri skultura ta' suldati Rumani. Armata suldati Rumani kienet tissejjaħ **leġjun**.

7.1 X'kien jissejjaħ wieħed mill-kmandanti ta' leġjun Ruman? Aqta' sing taħt it-tajba.

*Pretur, Ċenturjun, Dekurjun, Senatur* (1)

7.2 Liema ġnus kienu jgħixu barra l-Imperu Ruman fit-tramuntana u l-lvant ta' l-Ewropa?

__________________________________________ (1)

7.3 Għaliex ir-Rumani kienu jiddefendu ruħhom minn dawn il-ġnus?

__________________________________________

__________________________________________ (2)



**Sors B**

7.4 **Sors B** juri statwa ta' ______________________ (1)

7.5 X'tip ta' sagrifiċċju kienu joffrulha u fejn?

__________________________________________

__________________________________________ (2)

7.6 F'liema **tlieta** minn dawn il-postijiet fil-Gżejjer Maltin instabu fdalijiet ta' statwi bħal din?

(a) fil-Katakombi tal-Mintna
(b) fil-Ġgantija
(c) f'Borġ in-Nadur
(d) fi Skorba
(e) fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni
(f) f'Ħaġar Qim (3)



**Sors Ċ**

**Sors Ċ** juri fejn instabu fossili ta' annimali preistoriċi.

7.7 Fejn instabu fdalijiet bħal dawn f'Malta?

__________________________________________ (1)

7.8 Semmi **żewġ** annimali li nstabu fdalijiet tagħhom f'dan il-post?

__________________________________________ (2)

7.9 Kif setgħu spiċċaw dawn l-annimali minn Malta?

__________________________________________ (1)

7.10 X'jurina dan il-post dwar kif setgħu kienu l-gżejjer Maltin f'dak iż-żmien?

__________________________________________

__________________________________________ (2)

**(Total: 16-il marka)**

**8. Ikteb fit-tul dwar waħda minn dawn it-temi.**

8.1 Kif kienu juru t-twemmin tagħhom fil-ħajja wara l-mewt:
(a) il-ġnus ta' żmien il-preistorja? (10)
(b) il-ġnus taċ-ċiviltajiet tal-qedem li ħarġu mill-artijiet ta' madwar il-Baħar Mediterran? (10)

8.2 Ikteb dak li taf dwar **WAĦDA** minn dawn iċ-ċiviltajiet: L-Eġizzjani tal-Qedem **jew** Ir-Rumani. (20)

8.3 Ikteb paragrafu dwar dawn iż-żewġ persunaġġi fl-Istorja:
(a) Il-Ġeneral Ruman Ġulju Ċesri u l-qtil tiegħu fis-Senat Ruman (10)
(b) Il-Ġeneral Annibale Barka u s-sehem tiegħu fit-Tieni Gwerra Punika (10)

**(Total: 20 marka)**